

# IL-FRANĠISKANI ILHOM 800 SENA FL-ART IMQADDSA

***Noel Muscat ofm***

Il-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa tmur lura uffiċjalment għall-1217. F'dik is-sena ntbagħtu l-ewwel patrijiet fil-missjoni bħala riżultat tad-deċiżjonijiet tal-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste, li sar fil-Porziuncola fl-14 ta' Mejju 1217. Tradizzjoni antika ssostni li l-ewwel patrijiet waslu fil-port kruċjat ta' Akri taħt id-direzzjoni ta' fra Elia, li għaldaqstant jitqies bħala l-ewwel ministru provinċjal tas-Sirja jew ta' *Oltremare*, kif kien jissejjaħ ir-reġjun tal-Art Imqaddsa matul l-ewwel seklu tal-istorja tiegħu.

Fuq din it-tradizzjoni l-istoriċi jqiegħdu l-wasla ta' San Franġisk fil-lvant matul il-ħames kruċjata fis-sajf tal-1219. Il-pellgrini sal-lum jistgħu jżuru l-fdalijiet tal-port medjevali tal-Pisani f'Akri, li jiġi meqjus bħala l-post tradizzjonali li fih fra Elia laqa' lil San Franġisk, li kien telaq minn Bari jew Brindisi (tradizzjoni oħra tgħid Ancona) fl-24 ta' Ġunju ta' dik is-sena. Franġisku kien waqaf Akri qabel ma kompla l-vjaġġ tiegħu bil-baħar tul il-kosta tal-Palestina sa ma wasal Damietta, fuq id-delta tax-xmara Nil fl-Eġittu. Mit-traġedja tal-battalja ta' Qarne Hattin (4 ta' Lulju 1187) u mill-waqgħa ta' Ġerusalemm taħt Saladin (2 ta' Ottubru 1187), ir-Renju Latin ta' Ġerusalemm ġie ridott għal ftit bliet fortifikati u kastelli fuq il-kosta tal-Palestina u tal-Libanu, li kienu jinkludu Ġaffa, Arsouf (Apollonia), Ċesarija Marittima, Atlit (il-Kastell tal-Pellegrini), Akri, Tir, Sidon, Tripli u Antjokja. Dawn kienu l-aħħar fortizzi kruċjati fil-Palestina. Waħda wara l-oħra spiċċaw biex waqgħu f'idejn is-Saraċini. Antjokja waqgħet fl-1268 u Akri waqgħet f'idejn Al-Ashraf Khalil fit-18 ta' Mejju 1291.

## L-ewwel sinjali tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa

Il-*Vita Prima* ta' fra Egidio t'Assisi (*Vita beati Aegidii Assisiatis*, in L. Lemmens, *Documenta antiqua franciscana*, I: *Scripta fratris Leonis socii S.P. Francisci*, Quaracchi 1901, 37-63) tgħidilna li dan il-fra umli Franġiskan kien l-ewwel wieħed li rifes l-Art Imqaddsa u żar il-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm: "Wara din il-ġrajja, hu xtaq iżur il-qabar tal-Mulej u l-postijiet l-oħrajn tal-Art Imqaddsa fejn il-Mulej kien għex mal-Verġni mqaddsa u mad-dixxipli tiegħu. Jum minnhom, billi l-imqaddes Franġisku staqsih x'ried jagħmel, hu urih din ix-xewqa tiegħu. Wara li tah miegħu wieħed minn sħabu l-imqaddes Franġisku tah l-ubbidjenza biex jitlaq. Meta hu beda jivvjaġġa wasal fil-port tal-belt ta' Brindisi u hemmhekk għex għal ftit żmien. Waqt li kien jistenna x-xini hu xtara buqar li fih kien iġorr l-ilma, u kien idur mal-belt jgħajjat:



*Il-Port tal-Pisani f'Akri, fejn wasal S. Franġisk fl-1219*


*Beatu Fra Egidio ta' Assisi*

'Min irid jixtri l-ilma?' U kien jgħix b'dak li kien jiddobba. Imbagħad qasam il-baħar, u b'devozzjoni u qima żar il-qabar tal-Mulej u wkoll il-postijiet l-oħrajn li kien xtaq jara. Waqt li kien jgħix fil-belt ta' Akri hu kien jitħabat biex jgħix bil-ħidma tiegħu. Kien jaħdem il-qasab li kienu jużaw in-nies f'dak il-post. Meta ma kienx ikun jista' kien jittallab il-karità bieb bieb. Imbagħad reġa' lura lejn Santa Maria tal-Porziuncola mal-patrijiet" (*Storia della vita del beato Egidio (Vita Perugina)*, 4, traduzione di S. Brufani, in *Fonti Agiografiche dell'Odine Francescano*, a cura di M. T. Dolso, Edizioni Francescane, Padova, 2014, numru marġinali 1198).

L-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, patri Girolamo Golubovich, *Biblioteca bibliografica di Terra Santa*, I, Quaracchi 1906, 105, rigward id-data li fiha Egidio mar l-Art Imqaddsa, jagħżel l-1215, filwaqt li xi studjużi oħrajn imorru lura għall-1213-1214. Golubovich jgħid li Egidio kien: "l-ewwel Minorita li rifes l-Art Imqaddsa biex iżur il-Qabar ta' Kristu u l-Postijiet Qaddisa tal-Palestina."

Ir-rakkont taż-żjara ta' fra Egidio jagħtihielna wkoll Arnaldo di Sarrant fil-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali tal-Ordni tal-patrijiet Minuri* (*Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana* III, 77).

Iż-żjara ta' fra Egidio kienet ċertament eċċezzjoni u l-ewwel sinjal ta' preżenza Franġiskana li damet biss għal ftit xhur fl-Art Imqaddsa qabel l-1217, imma timmarka bidu importanti, ukoll għax fra Egidio irnexxielu jżur il-Qabar ta' Kristu f'perjodu li kien diffiċli ħafna għall-insara biex imorru. Iż-żjara ta' Eġidju nistgħu inqisuha bħala uniku f'dan il-perjodu tal-istorja tal-Ordni. Il-patrijiet li waslu fil-Palestina wara l-kapitlu tal-1217 kienu jgħixu fil-bliet fortifikati tal-kruċjati, ukoll jekk ċertament kienu jirriskjaw ħajjithom u joħorġu fir-reġjuni tal-"infidili" għal skopijiet missjunarji. Għandna xi eżempji ta' martri Franġiskani fl-Art Imqaddsa, li kienu maqtulin mis-Sarċini *in odium fidei*, bħall-każ ta' fra Filippu ta' Le Puy, martirizzat f'Ashdod fl-1288.

## Il-Kapitlu Ġenerali tal-1217 u l-ewwel missjonijiet

Il-kronista Franġiskan Giordano da Giano jikteb: "Fis-sena tal-Mulej 1219 li kienet l-għaxar sena

mill-konverżjoni tiegħu, Franġisku, fil-kapitlu li sar f'Santa Maria della Porziuncola, bagħat xi patrijiet fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Ungerija, fi Spanja u f'dawk il-provinċji l-oħrajn tal-Italja li fihom kienu għadhom ma waslux" (Giordano da Giano, *Cronaca*, 4, in *Fonti Francescane. Nuova Edizione*, 2326). Dan hu riferiment għas-sena 1217, pjuttost milli għall-1219. Kien f'dik is-sena li l-ewwel patrijiet intbagħtu fir-reġjuni 'l hemm mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar.

Mill-istess Giordano da Giano nafu li l-ewwel spedizzjonijiet missjunarji 'l fuq mill-Alpi kienu falliment, x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni adegwata tal-missjunarji volontarji. Il-patrijiet fi Franza ġew sospettati li kienu eretiċi Albiġiżi, imma l-Papa Onorju III iddefendihom quddiem l-isqfijiet bil-bulla *Cum dilecti* (11 ta' Ġunju 1219). Fil-Ġermanja u l-Ungerija l-ewwel missjunarji għamlu esperjenzi ta' kull tip ta' persekuzzjoni, billi ma kiinux jafu l-lingwi lokali u n-nies ħasbithom eretiċi Katari. Kien biss fl-1219 li l-ewwel grupp organizzat ta' missjunarji stabilixxa ruħu f'Pariġi u fil-Ġermanja. Fi Spanja u l-Portugal kien hemm preżenza Franġiskana fl-1219. Kien Franġisku nnifsu li mar Spanja fl-1213 imma marad u kellu jerġa' lura l-Italja. Fl-1219 grupp ta' patrijiet kellhom kunvent f'Olivais, barra Coimbra, fil-Portugal. Minn hemm marru l-Marokk u mietu martri f'Marrakesh fis-16 ta' Jannar 1220. Kienu fra Berardu u sħabu, li meta l-fdalijiet tagħhom inġiebu Coimbra wasslu lill-kanonku regolari Agostinjan Fernando da Lisbona biex jidħol Franġiskan u jsir fra Antnin (S. Antnin ta' Padova).

Kien f'dawn is-snin li l-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa ġiet konsolidata minn fra Elia u l-ewwel patrijiet. L-istoriku Franġiskan Heribert Holzapfel juri li l-provinċji jew reġjuni tal-Ordni fl-1226, is-sena li fiha miet




*Mappa antika ta' Akri*



Papa Girgor IX

San Franġisk, kienu 12, 6 fl-Italja u 6 'l fuq mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar: (1) Tuscia (Umbria u Toscana), (2) Marche, (3) Lombardia, (4) Terra di Lavoro (Napli), (5) Puglie, (6) Calabria (u Sqallija), (7) *Oltremare* (Sirja), (8) Spanja, (9) Franza, (10) Provence, (11) Ġermanja (u Ungerija), (12) Ingilterra (H. Holzapfel, *Manuale Historiae Ordinis fratrum Minorum*, Friburgi-Brisgoviae, 1909, 142).

Il-provinċja tas-Sirja, magħrufa bħala ta' *Oltremare*, kienet tinkludi wkoll ir-reġjun ta' Romania (Kostantinopli u Greċja), u kienet tinfirex mal-Lvant Nofsani kollu (Asja Minuri, Ċipru, Sirja, Antjokja, Palestina u l-Eġittu). Kienet tinfirex fit-territorji kkontrollati mis-Saraċini u mill-Imperu Biżantin. Kif rajna l-bliet fortifikati tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm f'dak iż-żmien kienu jinkludu ftit fortizzi fuq il-kosta tal-Palestina, Libanu u Ċipru. Fl-1217 Akri kienet il-belt kapitali tar-Renju Latin, bil-preżenza tal-Ordnijiet Kavallereski tat-Templari u l-Ospidalieri. Minn Akri fra Elia u l-ewwel patrijiet setgħu jorganizzaw il-ħidma missjunarja tagħhom.

## L-ewwel kunvent li kellhom il-Franġiskani f'Akri

Il-preżenza f'Akri tal-Ordnijiet Kavalereski kienet tfisser li f'din il-belt kapitali tal-Kruċjati marru joqogħdu wkoll l-Ordnijiet ġodda, hekk imsejħin Mendikanti, li twieldu fis-seklu 13. Dawn mhux biss kellhom kunventi, imma saħansitra skejjel ta' teoloġija: "Because of the presence of the numerous religious houses in Acre, there were Christian schools in Acre. Theology was taught here since 1218. Besides the likelihood of a school connected with the Cathedral of the Holy Cross, the Franciscans and the Dominicans must have had *studia* in Acre. William of Rubruck had been assigned to the Franciscan convent (established *c.* 1219) as *lector* in 1255. Certainly both the Franciscans and the Dominicans were actively involved in the study of oriental languages, including Arabic and Armenian, for their missionary activities" (Jaroslav FOLDA, *Crusader Art in the Holy Land. From the Third Crusade to the Fall of Acre (1187-1291)*, Cambridge University Press 2005, 400).

Ma nafux eżattament fejn l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Akri kien

jinsab, almenu fil-bidunett meta wasal fra Elia. Nafu li, aktar tard, il-Franġiskani kellhom knisja u kunvent fil-kwartier ta' Montmusard (FOLDA, 183). Dan kien kwartier residenzjali ġdid li kien twaqqaf fil-bidu tas-seklu 13 fuq ix-xaqliba tat-tramuntana ta' Akri, imdawwar bil-fortifikazzjonijiet tiegħu. Diġà fl-1206 kien hemm kunvent tad-Dumnikani f'Akri, li kien jinsab fuq it-tramuntana tal-kwartier tat-Templari, filwaqt li fl-istess żmien kien inbena wkoll il-kunvent tal-Karmelitani f'Montmusard.

Fra Elia ċertament waqqaf il-kunvent ta' Akri, u x'aktarx ukoll residenzi oħrajn tal-patrijiet f'Antjokja, Tripli, Beirut u Tir (S. VECCHIO, *Elia d'Assisi*, in *Dizionario Biografico degli Italiani*, Vol. 42 (1993): www.treccani.it/enciclopedia/elia-d-assisi).

Ma tantx għandna informazzjoni rigward il-patrijiet li kienu jgħixu b'mod permanenti fil-provinċja tas-Sirja matul is-seklu 13. Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa baqgħu ċentri importanti għall-Kristjanità. Fl-istess żmien, il-ministeru ta' evanġelizzazzjoni tal-Franġiskani fil-Lvant Nofsani kien indirizzat lejn skopijiet differenti, u mhux biss lejn l-Art Imqaddsa fis-sens speċifiku. Nafu, per eżempju, li wara l-1220 fra Benedittu ta' Arezzo kien preżenti f'Antjokja bħala ministru tal-provinċja tas-Sirja u suċċessur ta' fra Elia. Ma nafux jekk kienx is-suċċessur dirett ta' Elia, inkella kienx it-tielet wieħed wara fra Luca, li jiġi msemmi bħala ministru tar-Romania (ir-reġjun tal-Greċja, gżejjer tal-baħar Eġew u Kostantinopli). Qabel l-1221 ċertu fra Andrea, *ultramarinus de civitate Achon*, mela minn Akri, daħal fl-Ordni u kien preżenti f'Parma, flimkien mal-Balliju ta' Sidon, għall-magħmudija tal-kronista Franġiskan famuż Salimbene de Adam da Parma. William of Tyre jgħid li fl-1228 żewġ patrijiet waslu Akri, mibgħuta mill-Papa Girgor IX, biex iwasslu s-sentenza ta' skomunika tal-Imperatur Federiku II. Iż-żewġ patrijiet ġew maqtulin mill-istess Imperatur bħala tpattija lill-Papa tal-iskomunika. Kien hemm Franġiskani oħrajn li sofrew persekuzzjoni mill-istess Imperatur, kull darba li riedu jżommu mal-Papa fl-ispedizzjonijiet missjunarji tagħhom fl-Art Imqaddsa (A. MUSARRA, *Outremer dinanzi a Francesco. Gli Stati Latini di Terra Santa e la predicazione minoritica in età pre-custodiale*, in *Frate Francesco* 82 (Aprile 2016 – n. 1) 15).

Dejjem fuq dak li jikteb Folda fl-istudju tiegħu: "The Franciscans had their house in the southeast corner of Montmusard, near the Gate of St. Anthony; the house was said to have been founded by St. Francis himself" (FOLDA, 183).

## Profil storiku fuq il-wasla tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa

L-istudjuż Filippo Sedda għamel preżentazzjoni interessanti tal-figura ta' fra Elia ta' Assisi, jew ta' Cortona, waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tat-800 sena


*Federiku II*




tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa organizzati mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa fix-xahar ta' Ottubru. Is-sejba tal-kodiċi tal-*Vita Brevior* ta' fra Tommaso da Celano mill-istudjuż Jacques Dalarun wassal għal rivalutazzjoni tal-figura ta' fra Elia fir-relazzjoni tiegħu ma' San Franġisk. Il-fatt li fra Elia hu magħruf bħala l-ministru ġeneral tal-Ordni (1232-1239) li mbagħad spiċċa skomunikat sa sena qabel ma miet fl-1253, ħalla fid-dlam ir-rwol tiegħu bħala l-ewwel ministru tal-provinċja tas-Sirja, jew *Oltremare*. Diġà għidna kif il-kronista Giordano da Giano jagħtina informazzjoni dwar fra Elia, meta jitkellem dwar fra Cesario minn Speyer li daħal fl-Ordni proprju f'Akri, milqugħ minn fra Elia.

Meta San Franġisk mar fl-Orjent fl-1219 Tommaso da Celano jinsisti li hu mar hemmhekk bl-iskop li jmut martri. Dan hu element importanti biex nifhmu wkoll l-iskop tal-preżenza tal-Franġiskani fir-reġjun ta' *Oltremare*. Nafu li, meta Franġisku reġa' lura l-Italja fl-1220, ħa miegħu lil fra Elia, il-ministru ta' *Oltremare*, flimkien ma' Pietro Cattani u Cesario minn Speyer. Il-fatt li Franġisku kien jafda lil Elia responsabiltà hekk kbira f'reġjun diffiċli tal-Ordni, juri kemm dan kien persunaġġ importanti, hekk li Tommaso da Celano jgħid li Elia kien "omm" għal San Franġisk. Jidher li Elia dam 3 snin fir-reġjun ta' *Oltremare* (1217-1220), u li kien jeżerċita l-predikazzjoni penitenzjali billi hu ma kienx kjeriku.

Rajna kif l-informazzjoni dwar il-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste tal-1217 hi skarsa ħafna. Nafu, iżda, li din kienet l-ewwel darba li Franġisku bagħat lill-aħwa f'missjoni fid-dinja kollha magħrufa ta' dak iż-żmien. Hi l-*Kronaka tal-XXIV Ġenerali* li tgħid li fl-1217 ġew istitwiti l-provinċji fl-Ordni. Issa din il-kronaka hi datata għal nofs is-seklu 14 (1365), jiġifieri hi tardiva ħafna.

L-istudjuż Filippo Sedda jinsisti li l-kelma "provinċja" fil-Fonti Franġiskani ma tindikax neċessarjament entità ġuridika ta' familja reliġjuża kif nafuha llum, imma pjuttost "reġjun" li fih il-patrijiet kienu jmorru biex jippridkaw. Dawn id-dokumenti jsostnu li l-ewwel postijiet li fihom marru l-patrijiet kienu dawk fejn in-nies kienu jsegwu r-reliġjon kattolika, anke jekk mhux dejjem dawn sabu min laqagħhom, kif diġà rajna. Jingħad, per eżempju, li għall-bidu, l-patrijiet ma kellhomx permess li jibnu kunventi. Jidher li l-patrijiet kienu jgħixu f'*loca*, jew postijiet proviżorji, jew eremitaġġi.

Ir-*Regola bullata*, meta titkellem dwar il-kapitlu ġenerali, tgħid li l-ministri li kienu jgħixu fir-reġjuni 'l fuq mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar, kellhom jiġu għall-kapitlu darba kull 3 snin. Għaldaqstant Elia kien ministru mhux ta' provinċja fis-sens ġuridiku attwali tal-kelma, imma pjuttost ta' reġjun.

Kien il-Kapitlu ta' Pisa tal-1263, fi żmien San Bonaventura, li l-provinċja ta' *Oltremare* ġiet maqsuma f'żewġ provinċji, jiġifieri dik Oltremarina (Siria) u dik ta' Romania (Greċja). L-eqdem riferiment għar-reġjun tal-Lvant Nofsani hu dak ta' provinċja tas-Sirja,

jew *Oltremare*. Niltaqgħu mal-espressjoni *partes ultramarinas* (reġjun 'l hemm mill-baħar).

Fil-*Bullarium Franciscanum* insibu xi riferiment importanti għal dan ir-reġjun. Hemm grupp ta' ittri papali mibgħutin lill-patrijiet Minuri u Predikaturi li kienu jgħixu fir-renju tal-Miramolino (fil-Marokk). L-aktar waħda importanti hi ittra imsejħa *Constitutus in praesentia* (9 Diċembru 1220 lill-kardinal Giovanni Colonna, legat papali għall-imperu Latin, u 18 Frar 1221 lill-patrijarka ta' Kostantinopli). Papa Onorju III jiddefendi lil ċertu Giovanni, prepostu tal-knisja ta' Kostantinopli, jew *monachus*, li kien sar Franġiskan. Il-bulla hi indirizzata lil ċertu fra Luca *magister* tar-reġjun ta' Romania li laqa' l-professjoni ta' dan Giovanni. Romania kif rajna tfisser Greċja, li wara l-1221 kellha lil fra Benedetto d'Arezzo bħala ministru. Billi r-Regola Franġiskana tgħid li l-professjoni kellu jilqagħha l-ministru. Mela Luca kien it-tieni ministru tal-provinċja ta' *Oltremare*, wara fra Elia u qabel fra Benedetto.

Golubovich jgħidilna li fl-1230 il-Papa Girgor IX indirizza *Breve* lill-Patrijarka ta' Antjokja u prelati oħrajn tal-Orjent, li fiha naraw li l-Patrijiet Minuri kienu diġà jgħixu b'mod stabbli f'dawn ir-reġjuni. Billi l-isqfijiet kienu qegħdin jostakolaw il-ħidma apostolika tal-Franġiskani l-Papa jiddefendihom bil-Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum*, li hi l-eqdem dokument li hu mħares fl-Arkivji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u li hu xhieda tal-preżenza tal-Franġiskani f'dawn ir-reġjuni. Il-Papa jgħid lill-isqfijiet li huma kellhom iħallu lill-patrijiet jibnu oratorji u kunventi fid-djoċesijiet tagħhom (Beatrice SALETTI, *I Francescani in Terra Santa (1291-1517)*, Edizioni Libreria Universitaria, Padova 2016, 39-46).

Il-Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum* hi dokument prezzjuż għax turina kemm il-Franġiskani kienu diġà stabbli fl-Art Imqaddsa fl-1230, l-aktar wara l-waqfien mill-ġlied miftiehem bejn l-Imperartur Federiku II u s-sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil fl-1229. Inġibu hawn it-traduzzjoni tat-test tal-Bulla, promulgata f'Perugia fl-1 ta' Frar 1230 (GIRGOR IX, Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum*, in *Bullarium Franciscanum*, Tomus I, Ed. Sbaralea, Roma 1759, 58-59):



*Tommaso da Celano*




"GIRGOR, Isqof, Qaddej tal-qaddejja ta' Alla. Lill-Venerabbli Ħutna l-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm, u Legati tas-Sede Apostolika, lill-Arċisqfijiet, Isqfijiet, u maħbubin uliedna Abbati, Prijuri, Prepositi, Dekani, Arċidjakni, u l-Prelati l-oħrajn Ekkleżjastiċi, li lilhom tasal din l-Ittra, Saħħa u Barka Apostolika.

Jekk intom tagħtu attenzjoni għall-Ordni tal-Patrijiet Minuri, intom tistgħu tintebħu b'mod sħiħ li huma ma jixtiqux li jkollhom il-ġid tal-art, għaliex huma jipprofessaw li jikkuntentaw ruħhom b'dak li hu neċessarju fil-faqar tagħhom, u huma jipprofessaw il-faqar b'mod speċjali. Għaldaqstant aħna nitolbu li intom turuhom il-favur tagħkom, kif jaqbel lilhom, u ma tpoġġulhomx xkiel, billi huma mhumiex qegħdin ifittxu jew jixxenqu għall-kumditajiet temporali. Għaldaqstant aħna inwissu lilkom ilkoll u nħeġġukom b'ħerqa kbira, biex jekk xi ħadd mill-Fidili jkun irid jibnilhom Oratorji fil-Parroċċi tagħkom, biex hekk jgħinhom fil-ħidma tagħhom, billi huma jfittxu l-ġid tal-erwieħ u dak kollu li jaqbel għas-salvazzjoni tagħhom, intom għandkom benevolment tagħmlu magħhom dan il-favur, u għandkom tagħtuhom permess biex jagħmlu dan bil-libertà kollha, sabiex bil-permess tal-Ministru Provinċjal huma jibagħtu irġiel li jistħoqqilhom biex ixandru l-Kelma ta' Alla fil-Parroċċi tagħkom. Aħna rridu wkoll li ma jistgħux jaċċettaw Dieċmi, l-Ewwel Frott, jew offerti oħrajn, u lanqas ma jkollhom dfin Ekkleżjastiku jekk huma ma jkunux Patrijiet ta' dan l-Ordni li semmejna. Irridu wkoll li, kull meta tiġu mitlubin, intom għandkom taraw li jitbierku ċ-ċimiterji li s-Sede Apostolika tagħtihom għall-użu tagħhom; intom ma għandkomx torbtuhom b'xi interdett, u lanqas ma għandkom tippubblikaw xi sentenza ta' skomunika, mingħajr il-kmand speċjali tas-Sede Apostolika. Intom għandkom tħarsu dan il-kmand u preċett li qegħdin nagħtukom, biex hekk tagħtu xhieda li tridu ġġibu 'l quddiem il-ġid ta' dan l-Ordni. Jalla tkunu intom li tagħmluna favorevoli u twajbin lejkom sabiex aħna ma nkunux imġegħelin li nipprovdu xorta oħra f'dan il-qasam.

Mogħti f'Perugia, fil-*Kalendae* ta' Frar, it-Tielet Sena tal-Pontifikat tagħna."

Il-Bulla ntbagħtet lil Raynerio, Patrijarka ta' Antjokja u lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, u għandha l-iskop li tiddefendi d-drittijiet tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-istess linja ta' privileġġ li kienet ġiet mogħtija mis-Sede Apostolika sa mill-1224, meta kien għadu ħaj San Franġisk, u meta l-Papa Onorju III ta l-fakultà lill-Patrijiet Minuri li jkollhom Oratorji tagħhom għar-reċita tal-Uffiċċju Divin u għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa (ONORJU III, Bulla *Quia populares tumultus* [3 ta' Diċembru 1224]).

L-istoriku Franġiskan tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, patri Girolamo Golubovich, *Biblioteca Bio-Biografica della Terra Santa e dell'Oriente Cristiano*, Tomo I (1215-1300), Quaracchi 1906, 158-160, jirrakkonta l-istorja ta' kif il-Franġiskani daħlu għall-ewwel darba f'Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk.

Diġà rajna kif, fl-1217 San Franġisk kien waqqaf il-Provinċja tas-Sirja jew *Oltremare*, u li l-ewwel ministru provinċjal tagħha kien fra Elia fil-kunvent ta' Akri. Fis-sena 1229 l-Imperatur Federiku II irnexxielu jasal għal ftehim mas-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil, bi skop li jieqaf il-ġlied bejn Kristjani u Misilmin għal perjodu ta' 10 snin. L-Imperatur kellu interessi kummerċjali mal-Eġittu. Min-naħa tiegħu, il-Papa Girgor IX (1227-1241) kien talab lill-Imperatur biex jorganizza Kruċjata oħra wara l-falliment tal-ħames Kruċjata. Il-fatt li l-Imperatur ma tax kas tal-Papa, anzi għamel ftehim diplomatiku mas-Sultan tal-Eġittu, wassal lill-Papa Girgor IX biex jiddikjara skomunika fuq l-Imperatur.

Il-ġest tal-Imperatur, għalkemm kien wieħed ta' diżubbidjenza lejn l-awtorità tal-Papa, kellu l-lat pożittiv tiegħu. Fil-fatt, bħala rikonoxximent tal-waqfien mill-ġlied, is-Sultan tal-Eġittu offra li jċedi lill-Kristjani l-belt ta' Ġerusalemm, ħlief il-*Haram ash-sharif* jew ir-reċint qaddis li fih il-Misilmin għandom il-Moskea ta' Al-Aqsa u l-Koppla tal-Blata, kif ukoll il-Postijiet Qaddisa ta' Betleħem u Nażaret.

F'Marzu 1229 l-Imperatur Federiku II daħal Ġerusalemm u nkuruna lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Sadanittant hu kien diġà wasal Akri fis-7 ta' Settembru 1228 fejn ġie milqugħ mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm u l-Gran Mastri tal-Ordni tat-Templari u tal-Ordni tal-Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann). Imma fl-istess żmien żewġ Franġiskani kienu waslu Akri u ġabu magħhom l-ittra tal-Papa Girgor IX li fiha ddikjara skomunikat lill-Imperatur. B'hekk l-Imperatur ma sabx aktar appoġġ. Malli ddikjara lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm hu ikkastiga bl-aħrax lill-Franġiskani u mbagħad telaq lura lejn l-Ewropa.

B'hekk fl-1229 il-Patrijarka ta' Ġerusalem Gerald ta' Lausanne (1225-1239),



*San Franġisk mas-Sultan Al-Kamil 1219*



*Ricoldo di Montecroce mal-Papa Nikola IV*

flimkien mal-kleru, ħa l-okkażjoni tal-waqfien tal-ġlied biex reġa' daħal fil-Belt il-Qaddisa f'Marzu 1229. L-istoriku Matteo Paris jikteb li l-Patrijarka reġa' ħa l-pussess tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li kienet ilha magħluqa mill-1187, kif ukoll ta' diversi proprjetajiet oħrajn li qabel kellu l-Patrijarka Latin fi żmien il-Kruċjati. Paris ma jagħtina l-ebda ħjiel li mal-Patrijarka waslu Ġerusalemm il-patrijiet minuri. Imma nafu minn fonti oħrajn storiċi li l-Franġiskani daħlu wkoll f'dan iż-żmien.

Fil-fatt nafu li, fl-1 ta' Frar 1230, il-Papa Girgor IX kien indirizza l-Breve *Si ordinis Fratrum Minorum* lill-Patrijarka ta' Antjokja Alberto de Rezato (1226-1245) u lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Gerald. F'dan id-dokument il-Papa jitkellem dwar li l-Franġiskani kienu diġà preżenti f'Ġerusalemm f'dik is-sena. B'hekk nafu li, almenu fl-1229, il-patrijiet minuri kienu qed joqogħdu f'Ġerusalemm. Dan id-dokument juri li l-Papa ried li l-isqfijiet jirrispettaw id-dritt tal-patrijiet Franġiskani li jkollhom oratorji u kunventi li fihom setgħu jitolbu u jgħixu fil-ġurisdizzjoni ta' dawn l-istess isqfijiet, partikolarment tal-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm.

Dan id-dokument papali hu l-eqdem xhieda li għandna f'idejna li turina li l-Franġiskani kienu ċertament preżenti fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk, u li kienu fost id-diversi reliġjużi u prelati li kienu reġgħu lura f'Ġerusalemm waqt dan il-perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied miftiehem bejn Federiku II u s-Sultan al-Malik al-Kamil.

Il-mistoqsija li tiġina hi: fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm? Nafu li, fl-era Kruċjata, l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kienet uffiċjata mill-Patrijarka Latin u l-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, u li għalhekk x'aktarx li huma reġgħu daħlu fil-pussess tal-Bażilika matul dan il-perjodu qasir. Id-dokumentazzjoni storika tal-preżenza tal-Franġiskani f'Ġerusalemm f'dan il-perjodu teżisti u hi prova li huma kienu daħlu jgħixu fil-Belt il-Qaddisa.

Meta jiddeskrivi l-Via Dolorosa waqt iż-żjara tiegħu f'Ġerusalemm (1288-1291), id-Dumnikan Ricoldo di Montecroce jitkellem dwar il-post li fih is-suldati li kienu jwasslu lil Ġesù għall-mewt ġiegħlu lil Xmun minn Ċireni biex iġorr is-salib. Hu jsemmi dan il-post bħala salib it-toroq bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq li tiġi mill-Bieb ta' San Stiefnu (illum magħrufa bħala al-Wad). "Maġenb dan il-post hemm id-dar (*locus*) li qabel kienet proprjetà tal-Patrijiet Minuri" (Denys

Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III: *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press, 2010, No. 290, p. 97).

Ricoldo jikteb xi 50 sena wara l-ġrajja tal-qerda ta' Ġerusalemm mit-Torok Kwareżmjani fl-1244, meta spiċċat il-preżenza tal-Kristjani u tal-Franġiskani mill-Belt il-Qaddisa, u għalhekk it-tifkira kienet għadha friska. Hu ċertament jitkellem mill-perjodu bejn l-1229 u l-1244, meta Ġerusalemm kienet f'idejn il-Latini (Kattoliċi) waqt il-ftehim bejn l-Imperatur Federiku II u s-Sultan tal-Eġittu. Kif rajna, din il-preżenza kienet possibbli għax il-Papa Girgor IX kien talab lill-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm biex iħallu lill-Franġiskani jkollhom oratorji u kunventi fil-parroċċi tal-kleru, bil-patt li l-patrijiet jirrispettaw id-drittijiet tal-istess kleru. Golubovich jgħid li f'dan il-kunvent għex ċertu patri Aridizio Corradi (1230-1234) li reġa' lura l-Italja u miet f'Senigallia f'Novembru 1235 (Golubovich, *Biblioteca*, Tomo II, 291-291, no. 28).

Ma nafu xejn dwar dan il-kunvent u lanqas il-post eżatt fejn seta' kien. Il-kunvent ġie ċertament abbandunat fl-1244 meta t-Torok Kwareżmjani invadew Ġerusalemm u għamlu massakru mill-Kristjani. Madankollu l-*Chronicon Sampetrinum* III, in *Itinera Hierosolymitana Crucesignatorum (saec. XII-XIII)*, ed. Sabino de Sandoli, Studium Biblicum Franciscanum, *Collectio Maior* XXIV, 1978-1984, Vol. IV, 82, isemmi l-Franġiskani li kienu preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fiċ-ċerimonja tal-*Fuoco Sacro* f'Sibt il-Għid tal-1267-68.

L-istoriku Golubovich kien kiteb fl-1898 (*Serie cronologica dei Superiori della Terra Santa*) li fl-1240 kien hemm żewġ Patrijiet Minuri juffiċjaw fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Imma l-istess storiku mbagħad skopra li l-manuskritt li kien ikkonsulta kien skorett u li din il-possibilità ta' preżenza Franġiskana fil-Qabar ta' Kristu fis-seklu 13 ma hix sostenibbli.

Il-problema tal-post eżatt fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm tirrigwarda l-fatt li l-istazzjon li llum jimmarka l-laqgħa ta' Ġesù li jġorr is-salib ma' Xmun minn Ċireni hu kappella ċkejkna li ilha proprjetà tal-Franġiskani mill-1850. B'hekk il-post oriġinali hu mitluf, għalkemm kien ċertament jinsab f'din iż-żona. Fil-Medjuevu l-pellegrini kienu jfakkru l-laqgħa ta' Ġesù maċ-Ċirenew fil-kantuniera bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq al-Wad, fejn illum hemm l-Austrian Hospice fuq naħa u moskea faċċata. Imma dan il-post hu llum marbut mat-tielet u r-raba' stazzjonijiet tal-Via Crucis, filwaqt li l-kappella tal-Franġiskani tinsab ftit passi aktar 'l isfel, fejn minn triq al-Wad wieħed idur lejn il-lemin u jibda tiela' l-Via Dolorsa.